MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 62/2012

**Knit Shipping Limited, socjeta' registrata fil-British Virgin Islands rapprezentata hawn Malta minn Dottor Adrian Camilleri**

**vs**

**Agata Shipping Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Agata Shipping Limited (C54364), li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti:

Tirrevoka l-Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar 'il fuq minn ghaxar metri numru 61/12 fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan a tenur tal-artiklu 836 (1) (d) u/jew (f) tal-Kap. 12; jew fin-nuqqas;

Tordna lis-socjeta' Knit Shipping Ltd sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Qorti, taghti garanzija tajba sabiex taghmel tajjeb ghall-penali, id-danni u l-imghaxijiet u li fin-nuqqas tordna li ghandu jithassar l-istess mandat.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Jannar 2012, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-24 ta' Jannar 2012.

Rat it-twegiba ta' Knit Shipping Limited, li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnha moghtija, issottomettiet illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Rat l-atti kollha.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Permezz tal-proceduri odjerni, Agata Shipping Limited qed jitlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' Arrest tal-bastiment m.v. Agata M. proprjeta' taghha. L-imsemmi mandat inhareg fuq talba tas-socjeta' Knit Shipping Limited, li kienet "time charterer" tal-bastiment, u dan peress illi sostniet li fuq il-bastiment de quo hemm bunkers li huma proprjeta' taghha, peress illi nxtraw minnha. Huwa doveruz mal-ewwel li l-Qorti tissenjala l-principju impost fil-provvedimenti tal-ligi relatati li l-iskrutinju li ghandha taghmel il-Qorti f'dan l-istadju jasal essenzjalment sal-livell ta' prima facie. Irid jintwera "mad-daqqa t'ghajn" illi min jitlob il-mandat ghandu l-jeddijiet li jghid li jgawdi.

Il-bastiment Agata M. inxtara mis-socjeta' Agata Shipping Limited in segwitu tal-procedura kontemplata fis-Sub-titolu V (tat-Titolu 7) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Art. 364 tal-istess sub-titolu jipprovdi illi:

"*Il-bejgh tal-vapur jew tal-bastiment jew tal-ingenji tal-ajru skond id-dispozizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu jaghti lix-xerrej titolu li ma jkunx aggravat minn kull privilegg jew piz, u wara l-bejgh, il-pretensjonijiet jew talbiet kollha kontra l-vapur jew il-bastiment jew l-ingenji tal-ajru jistghu jigu esegwiti kontra r-rikavat tal-bejgh biss.*"

Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta, datat 1 ta' Dicembru 2011, il-Qorti pprovdiet illi:

"*Ghalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment Thor Spirit lis-socjeta' Agata Shipping Limited bil-prezz ta' US$1,700,000 skond it-termini u kundizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 11 ta' Novembru 2011, li hu esebit fl-atti, liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej, titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.*

*Ghall-fini tat-tieni talba, tahtar lill-avukat Dr. Kevin Camilleri Xuereb sabiex ai termini tal-artikolu 362 jkun intitolat jittrasferixxi l-vapur skond il-kundizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tal-11 ta' Novembru 2011 bhal li kieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.*"

Il-Memorandum of Agreement, li a tenur tieghu sar il-bejgh awtorizzat mill-Qorti, jipprovdi dettaljatament fi klawzola 3(x) illi:

"*The Buyer shall take over the remaining bunkers and unused lubricating oils in storage tanks and sealed drums that have not passed through any systems and pay the current net market price (excluding barging expenses) to the Bank according to Platts at the port and date of delivery of the Vessel. Payment under this Clause shall be made to the Bank at the time of payment of the Price by the Buyer for the Vessel to the Court (for the avoidance of any doubt such payment will only be effected if the Court approves the sale of the Vessel to the Buyer) and such payment will be effected in USD.*"

Il-Qorti tinnota ukoll illi, fil-proceduri msemmija tal-bejgh tal-bastiment, il-Qorti nnotat illi “il-kreditur l-iehor maghruf, cioe’ Knit Shipping Limited, irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti”.

Din il-Qorti tikkunsidra finalment ukoll illi s-socjeta’ Agata Shipping Limited akkwistat l-imsemmija bunkers, mobbli di natura in bona fede. Knit Shipping Limited kienet a konoxxenza tas-sitwazzjoni sa mill-bidu nett, kienet taf ben tajjeb il-kundizzjonijiet li bihom kien qed jinxtara l-bastiment.

Din il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi odjerni, il-mandat ta’ arrest ta’ dan il-bastiment jistultifika ghal kollox l-effetti kollha tal-procedura tal-bejgh approvat mill-Qorti. Il-ligi hija cara fir-rigward. Dan ma jfissirx li l-Qorti qeghda b’xi mod tippronunzja ruhha fuq xi drittijiet li jista’ ghandha s-socjeta’ Knit Shipping Limited, pero’, kif tipprovdi l-istess ligi, dawn jistghu jigu esegwiti kontra r-rikavat tal-bejgh biss.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tirrevoka l-mandat ta’ arrest ta’ Bcejjec tal-Bahar ‘il fuq minn ghaxar metri li jgib in-Numru 61/12.

L-ispejjez jithallsu minn Knit Shipping Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------